

DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-17 ta' April 2013

dwar l-ġeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2011

(2013/589/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definitivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2011,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2011 (⁽¹⁾), flimkien mat-tweġibet tal-Aġenzija,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2013 (05753/2013 — C7-0041/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (⁽²⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (⁽³⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (⁽⁴⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmiżi fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (⁽⁵⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0078/2013),
1. Japrova l-ġeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2011;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'l-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju ġeneral

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 388, 15.12.2012, p. 129.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.